MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 116/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**
**Vs**

**Armando Debono**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 t'April, 2004 ghall-habta ta' 4.50 p.m. fil-ground Nazzjonali ta' Qali qabel il-loghba bejn Valletta w Floriana;**
**1) qal kliem oxxen fil-pubbliku;**
**2) ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom;**
**3) wera mgieba abbuziva lejn membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom;**

**4) ipprova jhebb ghal PS 86 A. Lia u PC 671 V. Ciappara;**
**5) hedded lil PS 86 A. Lia, persuna nkarigata minn servizz pubbliku bil-hsieb li jbezghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 342 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 7 tal-LN 88/78, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal twiddiba w canfira, u ssospendietu milli jattendi kull ground sportiv ghal zmien tlett (3) xhur mill-1 ta' Lulju 2004.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta' Mejju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tikkonferma s-sejbien ta' htija w minflok il-piena moghtija tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti naqset li timponi l-piena relattiva li kellha tkun fil-minimum hamsa u ghoxrin lira (LM25) skond l-Avviz Legali 88/78 u li is-sospensjoni kellha tibda mid-data tas-sentenza cioe' it-12 ta' Mejju, 2004 ;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w d-Difiza;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dwar l-ewwel aggravju jidher li bl-applikazzjoni tal-piena ta' canfira u twiddiba , l-Ewwel Qorti qieset ir-reati kommessi mill-appellat bhala reati ta' natura kontravvenzjonali , fejn skond l-artikolu 7 (2) ( c ) tal-Kap.9 tali piena kienet tkun applikabbli . Issa pero' skond ir-regolament 9 tal-Avviz Legali 88/1978 il-piena minima applikabbli ghal reati li jaqghu taht l-**

**imsemmija regolamenti kompriz it-theddid , kliem offensiv jew turija ta' imgieba abuziva hija dik ta' multa ta' mhux inqas minn hamsa w ghoxrin lira u mhux ixjed minn hames mitt lira ( LM500.) Ghalhekk indipendentement mill-pieni applikabbli ghar-reati ta' hebb u theddid lil-Pulizija applikabbli skond l-artikolu 95 u 339 (b) u (e) tal-Kap.9 li taghhom ukoll instab hati l-appellat , il-minimu li seta' jehel kien proprju multa ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) u mhux dik ta' canfira u twiddiba kif fil-fatt sar. Konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali f' dar rigward hu pjenament gustifikat .**

**Illi dwar it-tieni aggravju li l-Ewwel Qorti ma setghetx tissospendi lill-appellat milli jidhol f' xi ground tal-isport minn data futura ,din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak minnha deciz fis-sentenza taghha** "Il-Pulizija vs. Lawrence Azzopardi**" [23.1.2003] fejn kien gie ritenut li l-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk :-**

***"Bla hsara tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 28A u d-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar il-hlas ta' pieni ta' flus , kull decizjoni ghandha tigi esegwita minnufieh li tinghata "***

"Minn dan jidher li l-unika eccezzjoni ghal din ir-regola hija dik mahsuba fis-sentenza sospiza ta' prigunerija kontemplata fl-artikolu 28A u l-kazijiet fejn ikun hemm sentenza ta' kundanna ghall-hlas ta' flus u fejn il-Qorti , ghal raguni li ghandha tigi registrata , tordna lill-persuna kkundannata li thallas l-ammenda jew il-multa f'dak iz-zmien li jigi stabilit mill-Qorti fis-sentenza jew b'mod rateali w dana a tenur tal-artikolu 14 tal-Kodici Kriminali ".

**Illi ghalhekk , skond l-principji generali li jinsabu fil-Kodici Kriminali, fejn il-kundanna tkun tikkomprendi ukoll xi forma ta' sospensjoni , din trid tibda tiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti w mhux minn xi data aktar il quddiem .**

**Ghalhekk bir-rispett l-Ewwel Qorti ma setghetx tordna li s-sospensjoni tal-appellat milli jattendi f' xi ground tal-isports ghall-periodu ta' tlitt xhur tibda' tiddekorri biss mill-1 ta' Lulju, 2004 (stranament periodu li fih zgur ma jkun qed isir ebda loghob tal-football) kif ghamlet fis-sentenza appellata ghax dan kien imur espressament kontra l-vot tal-ligi kif espress bl-aktar mod car. Huwa veru li issa, bhala rizultat ta' dan l-appell, il-periodu tas-sospensjoni kwazi ser jikkoincidi ma dak iffissat mill-Ewwel Qorti , pero' dan m' ghandux jeffettwa l-principju ta' dritt li fuqu hu bazat l-appell odjern.**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata b' dan li tirrevokha fil-parti fejn ikkunndannat lil-appellat ghal twiddiba u canfira w fejn ordnat li s-sospensjoni tal-appellat ghal zmien tlitt xhur tibda tapplika mill-1 ta' Lulju, 2004 w minnflok tikkundanna lill-appellat ghall-multa ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) u tissospendieh milli jattendi kull ground sportiv ghal zmien tlitt xhur *mil-lum* u tikkonfermha in kwantu ghall-kumplament taghha**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------